MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.

## MARSEANN FARRUGIA

Seduta ta' l-20 ta' April, 2015

Avviz Numru. 570/1998/1

**Rosario Abela**

**vs**

**Anthony Galea**

Il-Qorti,

Rat l-avviz tal-attur fejn talab li l-konvenut jigi ikkundannat ihallsu s-somma ta' sitt mija tnejn u erbghin Lira Maltija tnejn u disghin centezmu (Lm642.92) rapprezentanti s-sehem dovut minnu ghal dritt ta' appogg bejn iz-zewg proprjetajiet tal-kontendenti kif jirrizulta mill-anness certifikat peritali markat Dok. A.

Bl-ispejjez u bl-interessi legali kontra l-konvenut.

Rat in-nota ta’ eccezzjonijiet tal-konvenut, fejn eccepixxa:

1. Preliminarjament, l-azzjoni attrici hija preskritta peress illi ghaddew aktar minn hames snin minn meta gie prattikat l-appogg;
2. Illi fil-meritu, u minghajr pregudizzju ghall-espost, it-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt, peress illi:

(a) il-hajt divizorja in kwistjoni ma nbeniex kollu mill-attur, izda in parti inbena u tkahhal mill-esponenti, u ghalhekk ghandhom isiru d-debiti kalkoli;

(b) il-parti tal-hajt mibni mill-attur huwa difettuz u ma nbeniex skond l-arti u s-sengha u ghalhekk, l-esponenti mhux tenut ihallas appogg;

(c) minghajr pregudizzju ghall-premess, l-attur, fil-kors tal-kostruzzjoni tal-fond tieghu u tal-hajt, ikkaguna diversi hsarat fil-fond adjacenti tal-esponenti u ghal dawn il-hsarat l-esponenti qed jipprevalixxi ruhu mill-kawza istitwita mill-attur biex iressaq id-debita kontro-talba kontra l-attur, u ghandha, f’kull kaz, issir kompensazzjoni bejn l-appogg li jista’ tal-volta jkun dovut mill-esponenti u d-danni li huma dovuti lill-esponenti.

Rat il-kontro-talba tal-konvenut li in forza taghha talab li l-attur ghandu jwiegeb ghat-talba tieghu u jghid il-ghaliex m’ghandux ikun ikkundannat ihallas lill-konvenut id-danni li kkaguna fil-fond tal-konvenut, fil-kors ta’ kostruzzjoni da parti tal-attur tal-fond tieghu u tal-hajt divizorju, ghal-liema danni huwa responsabbli l-istess attur u liema danni ghandhom jigu likwidati minn din il-Qorti, occorrendo bl-opera ta’ perit nominandi. Bl-ispejjez kontra l-attur.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-attur ghal kontro-talba pprezentata mill-konvenut, fejn eccepixxa :

(1) Preliminarjament il-preskrizzjoni tal-azzjoni tal-konvenut dedotta in kontro-talba;

(2) Illi fit-tieni lok u minghajr pregudizzju ghal premess, it-talba tal-konvenut in kontro-talba ghandha tigi respinta peress illi hija kompletament infondata fil-fatt u fid-dritt fil-mertu.

Rat li fil-verbal tas-seduta tat-23 ta' Novembru 1998,[1] l-attur iddikjara li b'riferenza ghan-nota ta' eccezzjonijiet a fol. 11 maghmula minn Rosario Abela, il-preskrizzjoni eccepita hija dik ta' sentejn, li huma danni delittwali.

Semgħet ix-xhieda, rat id-dokumenti u l-atti kollha pprezentati;

Semghet it-trattazzjoni finali tal-avukati difensuri tal-partijiet.

Ikkunsidrat:

**Il-Fatti**

Il-fatti li taw lok ghal din il-vertenza huma s-segwenti :

1. L-konvenut kellu plot adjacenti propjeta tal-attur.
2. Huwa bena tlett sulari u appogga s-soqfa mal-propjeta tal-attur.
3. Meta spicca x-xoghol, l-attur qabbad il-perit tieghu biex jaghmillu stima tal-appogg, u ta din l-istima lill-konvenut.
4. Il-konvenut ried ikellem lill-perit tal-attur fuq il-kont, pero dan tal-ahhar lahaq sar ministru, u baqa' ma ntlahaqx ftehim bejn il-partijiet.

**Konsiderazzjonijiet ta' dina l-Qorti**

[1] Ara fol. 14 tal-process.

Din is-sentenza hija limitata ghall-eccezzjoni tal-preskrizzjoni tal-hames snin eccepita fin-nota ta' eccezzjonijiet tal-konvenut.

Fit-trattazzjoni orali, l-abbli difensur tal-attur issottometta illi l-konvenut ma indikax l-artikolu tal-ligi, u wisq inqas is-sub-inciz, jekk inhu applikabbli, taht liema l-konvenut qed jeccepixxi l-preskrizzjoni tal-hames snin. Ghalhekk, l-attur qed jissottometti illi din l-eccezzjoni ma tistax tigi milqugha u wisq inqas tista' tigi kkunsidrata, stante illi l-konvenut naqas li jindika bl-ezatt din id-disposizzjoni tal-ligi li tahtha huwa qed jeccepixxi l-preskrizzjoni tal-azzjoni.

Kaz simili ghal dak odjern kien dak fl-ismijiet **Joseph Gauci vs Saviour Farrugia**, deciz fit-22 ta' Gunju 2005, fejn il-Qorti tal-Appell (sede Inferjuri)[2] irriteniet hekk :

*« … … (S)kond l-Artikolu 2111 Kodici Civili "il-qorti ma tistax ex officio taghti effett ghall-preskrizzjoni jekk din ma tigix eccepita mill-parti interessata". Dan l-artikolu huwa car bizzejjed u l-interpretazzjoni dwaru hi din. Il-gudikant ma jistax jirricerka d'ufficio il-fatti kostituttivi ta' eccezzjoni rizervata mil-ligi lill-partijiet. Hekk ukoll lanqas jista' l-gudikant jassumi d'ufficio tali fatti fid-decizjoni tieghu ghall-fini li jiddikjara l-preskrizzjoni ta' l-azzjoni jekk din ma tkunx giet espressament dedotta;*

*Kif deciz, "peress li din hi preskrizzjoni invokata mill-appellant il-Qorti ma tistax tezamina jekk hijiex applikabbli xi disposizzjoni ohra f'materja ta' preskrizzjoni ghaliex gie dejjem stabbilit fil-gurisprudenza u del resto huwa konsentaneu ghar-raguni u ghall-ispirtu fundamentali fil-materja ta' preskrizzjoni, illi dik ghanda tigi nvokata mill-parti, u ma tistax il-Qorti tara u tezamina jekk hemmx xi preskizzjoni li tista' tkun opponibbli peress illi hija materja kollha ta' kuxjenza" –* ***Kollez. Vol. XXXIII P I p 481****;*

*Irid jinghad ukoll illi l-proposizzjoni generika ta' l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni mill-parti nteressata ma tawtorizzax lill-gudikant biex jindividwa hu t-tip tal-preskrizzjoni li tghodd ghall-kaz. Dan ghaliex*

[2] *Per* Imhallef Philip Sciberras.

*huwa l-parti li ghandu l-oneru jaghzel liema wahda mill-varji ipotesijiet prezunti mil-ligi hi applikabbli. Fin-nuqqas ta' indikazzjoni specifika l-eccezzjoni nnifisha ma tistax hlief tigi dikjarata inammissibbli. A propozitu anke f' dan il-kuntest gie deciz illi "l-eccepita preskrizzjoni bjennali mhix indikata b'mod sufficjentement car u specifiku in kwantu l-Artikolu 2254 (illum 2149) f'ben hames incizi distinti jiprospetta l-preskrizzjoni ta' azzjonijiet ghal kollox differenti wahda mill-ohra" – "**Joseph Grech -vs- Emanuele Camilleri et**", Appell Kummercjali, 21 ta' Marzu 1977;*

*Minn dan kollu jitnissel illi fl-assenza ta' indikazzjoni cara u specifika tal-preskrizzjoni, il-gudikant ma jistax jiehu inizzjattiva biex jissupplixxi hu ghan-nuqqas tal-parti. In bazi ghall-konsiderazzjonijiet suddetti r-ragjonament tat-Tribunal ma jistax jitqies censurabbli. Konsegwentement, l-aggravju sollevat qed jigi michud; »* (ara fl-istess sens is-sentenza **Futura Home Appliances Co. Ltd. vs John Peresso**, deciza fis-16 ta' Marzu 2005, mill-Qorti tal-Appell (sede Inferjuri)).[3]

Fid-dawl ta' dan l-insenjament, din il-Qorti ma tistax tikkonsidra l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni sollevata mill-konvenut, stante li mhix indikata b'mod sufficjentement car u specifiku in kwantu ma tindikax l-Artikolu, u wisq inqas is-subinciz tieghu, jekk inhu l-kaz, li tahtu qieghda tigi eccepita dina l-preskrizzjoni.

**Konkluzjoni**

Ghal ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti tiddikjara l-ewwel eccezzjoni tal-konvenut, u cioe dik tal-preskrizzjoni kwinkwennali inammissibbli, u tordna l-prosegwiment tal-kawza skont il-ligi.

L-ispejjez kollha konnessi ma' din l-eccezzjoni ghandhom jigu subiti mill-konvenut.

[3] *Per* Imhallef Philip Sciberras.

**< Sentenza In Parte >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------